SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

23 ta' Novembru 2023 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Drittijiet ta' proprjetà intellettwali – Direttiva 2014/26/UE – Ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati – Soċjetà għall-ġestjoni kollettiva – Direttiva 2004/48/KE – Miżuri, proċeduri u rimedji neċessarji sabiex ikun żgurat ir-rispett tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali – Artikolu 4 – Persuni li għandhom il-kwalità sabiex jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fid-Direttiva 2004/48/KE – Soċjetà għall-ġestjoni kollettiva awtorizzata sabiex toħroġ liċenzji kollettivi estiżi – *Locus standi* għall-finijiet tad-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali"

Fil-Kawża C-201/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Marzu 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Marzu 2022, fil-kawża

Kopiosto ry

vs

Telia Finland Oyj,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, Z. Csehi, M. Ilešič (Relatur), I. Jarukaitis u D. Gratsias, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Kopiosto ry, minn S. Lapiolahti u B. Rapinoja, asianajajat,

– għal Telia Finland Oyj, minn M. Manner, asianajaja,

– għall-Gvern Finlandiż, minn M. Pere, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. L. Kalėda, J. Samnadda u I. Söderlund, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32), kif ukoll tal-Artikoli 17 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Kopiosto ry u Telia Finland Oyj (iktar 'il quddiem "Telia"), dwar it-trażmissjoni mill-ġdid minn Telia ta' programmi televiżivi li allegatament jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur tal-awturi rrappreżentati minn Kopiosto.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2004/48

3 Il-premessi 3, 10 u 18 tad-Direttiva 2004/48 jiddikjaraw:

"(3) […] mingħajr mezz effettiv għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-innovazzjoni u l-kreattività huma skorraġiti u l-investiment jonqos. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi assigurat li l-liġi sostantiva dwar proprjetà intellettwali, li llum tinsab fil-parti l-kbira bħala parti mill-*acquis communautaire*, hija applikkata b'mod effettiv fil-Komunità [Ewropea]. Għalhekk, il-mezzi ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma ta' importanza kbira għas-suċċess tas-Suq Intern.

[…]

(10) L-għan ta' din id-Direttiva hija li tqarreb is-sistemi leġislattivi sabiex tassigura livell ta' protezzjoni għoli, ekwivalenti u omoġenju fis-suq intern.

[…]

(18) Il-persuni li huma ntitolati li jitolbu l-applikazzjoni [tal]-miżuri, [tal]-proċeduri u [tar]-rimedji [previsti f'din id-direttiva] m'għandhomx ikunu dawk biss li qegħdin iżommu id-dritt, imma wkoll dawk il-persuni li għandhom interess dirett u pożizzjoni legali sa fejn jistgħu u skond il-liġi applikabbli, li jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet professjonali li għandhom l-inkarigu ta' dawk id-drittijiet jew għad-difiża ta' interessi kollettivi u individwali li għalihom huma jġorru ir-risponsabbilità."

4 Il-Kapitolu I ta' din id-direttiva, intitolat "L-Oġġettiv u l-firxa ta' applikazzjoni", jinkludi, b'mod partikolari, l-Artikolu 1 tagħha, intitolat "Materja tas-suġġett", li jipprovdi:

"Din id-Direttiva tikkonċerna il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji neċessarji biex tassigura l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu 'diritijiet tal-proprjetà intellettwali' jinkludi id-drittijiet tal-proprjetà industrijali."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Firxa ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-mezzi li huma jew li jistgħu jiġu pprovduti fil-Komunità jew fil-leġislazzjoni nazzjonali, sakemm dawk il-mezzi jistgħu ikunu aktar favorevoli għall-proprjetarji tad-drittijiet, il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji provduti b'din id-Direttiva għandhom japplikaw, skond l-Artikolu 3, għal kull kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali provduti bil-liġijiet tal-Komunità u/jew bil-liġijiet ta' l-Istat Membru konċernat."

6 Il-Kapitolu II tal-istess direttiva, li jinkludi l-Artikoli 3 sa 15 tagħha, huwa intitolat "Il-Miżuri, il-proċeduri u r-rimedji".

7 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/48, intitolat "Obbligu Ġenerali", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji neċessarji biex jiġi assigurat l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti b'din id-Direttiva. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u m'għandhomx ikunu mhux neċessarjament kumplikati jew għaljin, jew li jwasslu għal-limiti ta' ħin mhux raġjonevoli jew dewmien mhux ordnat.

2. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikun wkoll effetttivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' barrieri biex jiġi leġitimiżżat il-kummerċ u biex jiġu provduti protezzjonijiet kontra l-abbuż tagħhom."

8 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-persuni ntitolati biex japplikaw għall-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala persuni intitolati biex jistgħu japplikaw għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji li għalihom saret riferenza f'dan il-kapitolu:

(a) id-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(b) il-persuni l-oħra kollha awtoriżżati, […] safejn huwa permess u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(ċ) is-soċjetajiet li jamministraw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali b'mod kollettiv li huma regolarment rikonoxxuti bħala rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet intellettwali, safejn hu permess u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(d) is-soċjetajiet professjonali ta' difiża li huma regolarment rikonoxxuti bħala rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, safejn hu permess u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli."

Id-Direttiva 2014/26/UE

9 Il-premessi 8, 9, 12 u 49 tad-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern (ĠU 2014, L 84, p. 72 u rettifika fil-ĠU 2022, L 245, p. 71), jiddikjaraw:

"(8) L-għan ta' din id-Direttiva hu li tipprovdi għal koordinazzjoni tar-regoli nazzjonali li jikkonċernaw l-aċċess għall-attività ta' mmaniġġjar tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati mill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv, il-modalitajiet għall-governanza tagħhom, u l-qafas superviżorju tagħhom, […]

(9) L-għan ta' din id-Direttiva hu li tistabbilixxi rekwiżiti applikabbli għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv biex jiġi żgurat standard għoli ta' governanza, immaniġġjar finanzjarju, trasparenza u rappurtar. […]

[…]

(12) Din id-Direttiva, filwaqt li tapplika għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv kollha, […] ma tinterferixxix mal-arranġamenti li jirrigwardaw l-immaniġġjar tad-drittijiet fl-Istati Membri bħalma huma l-immaniġġjar individwali, l-effett estiż ta' ftehim bejn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv rappreżentattiva u utent, jiġifieri liċenzjar kollettiv estiż, immaniġġjar kollettiv mandatarju, preżunzjonijiet ġuridiċi ta' rappreżentazzjoni u trasferiment ta' drittijiet lill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv.

[…]

(49) […] Fl-aħħar, huwa xieraq ukoll li l-Istati Membri jiġu rekwiżiti jkollhom proċeduri ta' riżolviment ta' tilwim li jkunu indipendenti, imparzjali u effettivi, permezz ta' korpi li għandhom għarfien espert fil-liġi tal-proprjetà intellettwali jew permezz ta' qrati, li jkunu adatti biex jirriżolvu t-tilwim kummerċjali bejn l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u l-utenti dwar il-kondizzjonijiet eżistenti jew proposti ta' ħruġ tal-liċenzji jew dwar ksur ta' kuntratt."

10 L-Artikolu 3(a) ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv' [soċjetà għall-ġestjoni kollettiva] tfisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija awtorizzata mil-liġi jew permezz ta' assenjazzjoni, liċenzja jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor biex timmaniġġja d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur f'isem aktar minn detentur tad-drittijiet wieħed, għall-benefiċċju kollettiv ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet, bħala l-għan uniku jew l-għan prinċipali tagħha, u li tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin jew it-tnejn li huma:
(i) tkun ipposseduta jew ikkontrollata mill-membri tagħha;
(ii) tkun organizzata fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ".

11 Skont l-Artikolu 35 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Riżolviment ta' tilwim":

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tilwim bejn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv u l-utenti fir-rigward, b'mod partikolari, kundizzjonijiet attwali u proposti ta' ħruġ ta' liċenzji jew ksur ta' kuntratt, ikunu jistgħu jitressqu quddiem il-qorti, jew jekk xieraq, lil korp ta' riżolviment ieħor li jkun indipendenti u imparzjali, meta dak il-korp ikollu l-għarfien espert fid-dritt dwar il-proprjetà intelletwali.

2. L-Artikoli 33 u 34 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet li jasserixxu u jiddefendu id-drittijiet tagħhom billi jieħdu azzjoni f'qorti."

Id-dritt Finlandiż

12 L-Artikolu 26 tat-tekijänoikeuslaki (404/1961) (il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur (404/1961)) tat-8 ta' Lulju 1961, kif emendata bil-laki tekijänoikeuslain muuttamisesta (607/2015) (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur (607/2015)) tat-22 ta' Mejju 2015 (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur"), intitolat "Liċenzja kuntrattwali", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur li jikkonċernaw il-liċenzji kuntrattwali għandhom japplikaw għal ftehim konkluż bejn utent u l-organu awtorizzat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u għall-Kultura li jirrappreżenta, f'qasam speċifiku, bosta awturi ta' xogħlijiet użati fil-Finlandja, dwar l-użu ta' xogħlijiet ta' awturi li jaqgħu taħt dan l-istess qasam. Fid-dawl ta' dan il-ftehim, organu awtorizzat jitqies li huwa awtorizzat jirrappreżenta wkoll l-awturi ta' xogħlijiet oħra fl-istess qasam. Il-liċenzjat li jkun kiseb liċenzja kollettiva estiża bis-saħħa tal-imsemmi ftehim jista', skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan tal-aħħar, juża x-xogħlijiet kollha tal-awturi li jaqgħu taħt l-istess qasam.

13 Skont l-Artikolu 26(4) tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur, il-modalitajiet stabbiliti mill-organu msemmi fil-paragrafu 1 dwar it-tqassim tar-remunerazzjonijiet għar-riproduzzjoni, għall-komunikazzjoni jew għat-trażmissjoni tax-xogħlijiet bejn l-awturi li huwa jirrappreżenta jew l-użu tar-remunerazzjonijiet għal finijiet komuni għall-awturi, għandhom japplikaw ukoll għall-awturi tal-istess qasam imsemmija fil-paragrafu 1 li ma humiex irrappreżentati direttament minn dan l-organu.

14 L-Artikolu 25 h tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur, intitolat "Trażmissjoni mill-ġdid ta' trażmissjoni radjofonika jew televiżiva", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li xogħol inkluż f'xandira radjofonika jew televiżiva jista' jiġi trażmess mill-ġdid, mingħajr ma tinbidel ix-xandira, bis-saħħa ta' liċenzja kuntrattwali, bħal dik prevista fl-Artikolu 26 ta' din il-liġi, sabiex jasal lill-pubbliku fl-istess ħin tat-trażmissjoni oriġinali.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Kopiosto hija soċjetà għall-ġestjoni kollettiva, fis-sens tal-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2014/26, li tiġġestixxi u toħroġ liċenzji f'isem numru kbir ta' awturi abbażi tal-mandati mogħtija lilha minn dawn l-awturi. Kopiosto hija wkoll awtorizzata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u għall-Kultura bħala l-organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali, fis-sens tal-Artikolu 26 tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur, b'mod partikolari bil-għan li jiġu trażmessi mill-ġdid xogħlijiet inklużi f'xandira tar-radju jew tat-televiżjoni, fis-sens tal-Artikolu 25 h(1) ta' din il-liġi.

16 Telia topera network ta' televiżjoni bil-cable li jittrażmetti s-sinjali ta' xandir tal-emittenti televiżivi nazzjonali mingħajr restrizzjonijiet bil-għan ta' distribuzzjoni lill-pubbliku.

17 Fl-24 ta' Jannar 2018, Kopiosto adixxiet lill-markkinaoikeus (il-Qorti tal-Affarijiet Ekonomiċi, il-Finlandja) b'talba intiża sabiex jiġi kkonstatat li Telia kienet trażmettiet mill-ġdid programmi televiżivi, fis-sens tal-Artikolu 25 h tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u li, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tagħha, din it-trażmissjoni mill-ġdid kienet tikser id-drittijiet tal-awturi rrappreżentati minn Kopiosto, prinċipalment bħala l-organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali u, sussidjarjament, abbażi tal-mandati mogħtija lilha mill-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

18 Telia ssostni li Kopiosto ma għandhiex *locus standi* sabiex tressaq azzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur.

19 Permezz ta' sentenza tat-18 ta' Ġunju 2019, il-markkinaoikeus (il-Qorti tal-Affarijiet Ekonomiċi) ċaħdet, b'mod partikolari, bħala inammissibbli t-talbiet ta' Kopiosto bbażati fuq ksur tad-drittijiet tal-awtur, minħabba li din tal-aħħar ma kellhiex id-dritt tressaq f'isimha stess azzjoni għal kontrafazzjoni f'isem il-proprjetarji tad-drittijiet irrappreżentati minnha bħala l-organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali fis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Din il-qorti qieset li Kopiosto lanqas ma kellha *locus standi* sabiex tressaq azzjoni għal kontrafazzjoni fir-rigward tal-proprjetarji tad-drittijiet li kienu tawha l-mandat sabiex tiġġestixxi d-drittijiet tagħhom u sabiex tirrappreżentahom legalment.

20 Kopiosto ppreżentat appell minn din is-sentenza quddiem il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja), li hija l-qorti tar-rinviju, billi sostniet, prinċipalment, li, minħabba l-istatus tagħha ta' organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali, hija għandha, kif jeżiġi l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48, interess dirett li tressaq azzjoni fil-każ ta' użu illegali tax-xogħlijiet tal-awturi rrappreżenti minnha u, sussidjarjament, li hija għandha, tal-inqas, id-dritt li tressaq azzjonijiet fir-rigward tal-użu mhux awtorizzat tax-xogħlijiet tal-awturi li d-drittijiet tal-awtur tagħhom hija tiġġestixxi abbażi ta' mandati ta' ġestjoni u ta' rappreżentanza legali mogħtija lilha minn dawn l-awturi.

21 Quddiem il-qorti tar-rinviju, Telia ssostni li, bħala l-organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali, Kopiosto hija awtorizzata toħroġ liċenzji għat-trażmissjoni mill-ġdid ta' xandiriet televiżivi u tiġbor it-tariffi korrispondenti. Mill-banda l-oħra, huwa biss il-proprjetarju inizjali tad-drittijiet tal-awtur ikkonċernat jew iċ-ċessjonarju ta' dawn id-drittijiet tal-awtur li jistgħu jressqu azzjoni għal kontrafazzjoni tal-imsemmija drittijiet tal-awtur.

22 Il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema) tqis, essenzjalment, li, sabiex tissolva t-tilwima fil-kawża prinċipali, huwa meħtieġ li, fl-assenza ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali fil-qasam, jiġi deċiż taħt liema kundizzjonijiet soċjetà għall-ġestjoni kollettiva, fis-sens tal-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2014/26, tista' titqies li hija intitolata titlob l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmija fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2004/48. B'mod partikolari, din il-qorti tistaqsi jekk, għal dan il-għan, huwiex biżżejjed, skont l-Artikolu 4(c) ta' din id-direttiva, li organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali jkollu, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-*locus standi in judicio* ġenerali bħala parti f'tilwima, kif ukoll id-dritt li jinnegozja u joħroġ tali liċenzji għat-trażmissjoni mill-ġdid ta' xandiriet televiżivi f'isem il-proprjetarji kollha ta' drittijiet fil-qasam inkwistjoni jew jekk dan il-*locus standi* huwiex suġġett għall-kundizzjoni li dan l-organu jkun awtorizzat b'mod espliċitu mil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex iressaq, f'ismu stess, azzjoni għal ksur ta' tali drittijiet.

23 F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tosserva, qabelxejn, li, fis-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT (C-521/17, EU:C:2018:639), il-Qorti tal-Ġustizzja ssuġġettat dan il-*locus standi* għall-kundizzjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tqis li l-organu ta' rappreżentazzjoni kollettiva tal-proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jkollu interess dirett fid-difiża ta' tali drittijiet u li din il-leġiżlazzjoni tirrikonoxxi l-*locus standi* tiegħu għal dan il-għan, mingħajr, madankollu, ma ppreċiżat jekk din it-tieni kundizzjoni tirreferix għal-*locus standi in judicio* ġenerali ta' tali organu bħala parti quddiem qorti, jew jekk teżiġix li d-dritt nazzjonali jipprevedi b'mod espliċitu, jew tal-inqas jippermetti, li organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kollettivi estiżi jkun jista' jressaq azzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur.

24 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tqis li, fid-dawl tal-punti 34 u 35 ta' din is-sentenza, ma huwiex ċar jekk l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż li jarmonizza dak li għandu jinftiehem bl-"interess dirett", stipulat fil-premessa 18 tad-Direttiva 2004/48, ta' organu li jiddefendi d-drittijiet tal-proprjetarji tad-drittijiet irrappreżentati minnu, jew jekk dan għandux jiġi ddeterminat abbażi tad-dritt nazzjonali. L-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48, moqri flimkien mal-premessa 18 tagħha, lanqas ma juri b'mod ċar jekk soċjetà għall-ġestjoni kollettiva għandhiex interess dirett li tiddefendi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali minħabba s-sempliċi fatt li hija għandha d-dritt, abbażi, minn naħa, tal-liċenzja kollettiva estiża u, min-naħa l-oħra, tal-mandati ta' ġestjoni mogħtija lilha mill-proprjetarji tad-drittijiet, li tagħti drittijiet ta' użu tax-xogħlijiet u li tiġbor, f'isem il-proprjetarji tad-drittijiet, il-ħlasijiet dovuti lilhom abbażi ta' dawn id-drittijiet.

25 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kwistjoni tal-*locus standi* bbażat fuq l-istatus ta' organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kollettivi estiżi, dwar il-mod kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 fid-dawl, minn naħa, tal-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà prevista fl-Artikolu 17 tal-Karta u, min-naħa l-oħra, tad-dritt għal rimedju effettiv previst fl-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema) tgħid li, kieku l-organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kollettivi estiżi kellu jitqies li għandu d-dritt li jressaq azzjoni għal ksur f'ismu stess, dan jista' jwassal sabiex jitnaqqar id-dritt tal-proprjetarju li jressaq azzjoni huwa stess. F'dan il-kuntest, għandu jiġi ddeterminat jekk il-fatt li jiġi rrikonoxxut il-*locus standi* ta' tali organu fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-awturi li ma jkunux

ittrasferixxew id-dritt esklużiv tagħhom għandux jitqies li huwa ndħil sproporzjonat fid-dritt tagħhom li jiddisponu mid-drittijiet tal-awtur tagħhom. Din il-qorti tfisser, madankollu, li tali ndħil jista' jiġi ġġustifikat, b'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li s-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva jistgħu jintervjenu b'mod iktar effettiv mill-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur stess.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Fir-rigward ta' organizzazzjonijiet ta' liċenzjar kuntrattwali, li kollettivament jimmaniġġjaw drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-*locus standi* għad-difiża ta' dawn id-drittjiet, li jingħata mill-Artikolu 4[1](ċ) tad-[Direttiva 2004/48/KE], li huwa bbażat fuq leġittimità attiva preżunta, jirreferi esklużivament għal-*locus standi in judicio* ġenerali, jew jeħtieġ dritt espressament irrikonoxxut mid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali sabiex titressaq azzjoni f'isem il-parti stess għad-difiża tad-drittijiet inkwistjoni?

(2) F'interpretazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 4[1](ċ) tad-Direttiva 2004/48, it-terminu 'interess dirett fid-difiża tal-drittijiet tal-awtur tad-detenturi li lilhom tirrappreżenta' għandu jiġi interpretat uniformement fl-Istati Membri kollha fir-rigward ta' dritt ta' organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv fis-sens tal-Artikolu 3(a) tad-[Direttiva 2014/26/UE] sabiex titressaq azzjoni għal ksur tad-drittijiet tal-awtur f'isem il-parti stess, fejn
   (a) jikkonċerna użu ta' xogħlijiet li fir-rigward tagħhom organizzazzjoni għandha dritt, bħala organizzazzjoni ta' liċenzjar kuntrattwali fis-sens tat-Tekijänoikeuslaki (il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur), li tagħti liċenzji kollettivi estiżi li jippermettu lill-persuna li għandha liċenzja li tuża wkoll xogħlijiet minn awturi f'dak is-settur li ma jkunux taw mandat lill-organizzazzjoni sabiex timmaniġġja d-drittijiet tagħhom;
   (b) jikkonċerna użu ta' xogħlijiet li fir-rigward tagħhom l-awturi jkunu awtorizzaw lill-organizzazzjoni sabiex timmaniġġja d-drittijiet tagħhom permezz ta' kuntratt jew permezz ta' mandat, mingħajr ma jkunu ġew assenjati drittijiet tal-awtur lill-organizzazzjoni?

(3) Jekk l-organizzazzjoni, fil-kapaċità tagħha ta' organizzazzjoni ta' liċenzjar kuntrattwali, hija preżunta li għandha interess dirett u leġittimità attiva sabiex tressaq azzjoni f'isimha stess: fl-evalwazzjoni tal-leġittimità attiva sabiex tressaq proċeduri fid-dawl ta', fejn applikabbli, l-Artikoli 17 u 47 tal-[Karta], x'tifsira għandha tingħata għall-fatt li l-organizzazzjoni, bħala organizzazzjoni ta' liċenzjar kuntrattwali, tirrappreżenta wkoll awturi li ma jkunux awtorizzawha timmaniġġja d-drittijiet tagħhom, u li d-dritt tal-organizzazzjoni li tressaq azzjoni sabiex tiddefendi d-drittijiet ta' dawk l-awturi ma hijiex irregolata mid-dritt?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

27 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li, minbarra l-kundizzjoni relatata mal-interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ikkonċernati, ir-rikonoxximent tal-kwalità tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II ta'

din id-direttiva huwa suġġett biss għal-*locus standi in judicio* ta' dawn is-soċjetajiet jew jekk din id-direttiva teħtieġx ir-rikonoxximent espliċitu, fid-dritt applikabbli, tal-*locus standi* tal-imsemmija soċjetajiet għall-finijiet tad-difiża tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

28 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li mill-premessa 18 tad-Direttiva 2004/48, li fid-dawl tagħha għandu jinqara l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea xtaq li l-leġittimazzjoni sabiex tintalab l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti minn din id-direttiva għandha tiġi rrikonoxxuta mhux biss lill-proprjetarji tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, iżda wkoll lil dawk li għandhom interess dirett fid-difiża ta' dawn id-drittijiet, kif ukoll id-dritt ta' *locus standi in judicio*, sa fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli tippermetti dan u konformement magħha (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT, C-521/17, EU:C:2018:639, punt 33).

29 Dawn il-persuni huma elenkati fl-Artikolu 4(b) sa (d) tal-imsemmija direttiva. Is-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma msemmija fil-punt (ċ) ta' dan l-artikolu, li bis-saħħa tiegħu l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-kwalità tas-soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali regolarment irrikonoxxuti bħala rappreżentanti tal-proprjetarji tad-drittijiet sabiex jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II tal-istess direttiva, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli jippermettu dan u konformement magħhom.

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu l-leġittimazzjoni ta' organu ta' rappreżentazzjoni kollettiva ta' proprjetarji ta' trademarks sabiex jitlob, f'ismu stess, l-applikazzjoni ta' rimedji previsti f'din id-direttiva, bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet ta' dawn il-proprjetarji, kif ukoll il-*locus standi* tiegħu sabiex jiddefendi dawn l-imsemmija drittijiet, bil-kundizzjoni li dan l-organu jkun jitqies, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandu interess dirett fid-difiża ta' dawn id-drittijiet u li din il-leġiżlazzjoni tirrikonoxxi l-*locus standi in judicio* ta' dak l-organu għal dan l-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT, C-521/17, EU:C:2018:639, punt 39).

31 Dan ifisser li l-leġittimazzjoni ta' soċjetà għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex titlob, f'isimha stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2004/48 hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-leġiżlazzjoni applikabbli tqis li din is-soċjetà għandha interess dirett fid-difiża ta' tali drittijiet u tawtorizzaha tressaq azzjoni ġudizzjarja għal dan l-għan.

32 Konsegwentement, għalkemm soċjetà għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandu ta' bilfors ikollha *locus standi in judicio* sabiex tiġi rrikonoxxuta l-leġittimità tagħha sabiex titlob, f'isimha stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti minn din id-direttiva, tali *locus standi* waħdu ma jistax ikun suffiċjenti għal dan l-għan.

33 Barra minn hekk, peress li l-*locus standi in judicio* jikkostitwixxi attribut ordinarju tal-personalità ġuridika li, bħala prinċipju, għandhom is-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva, interpretazzjoni differenti ċċaħħad lit-tieni kundizzjoni stabbilita fil-punt 39 tas-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT (C-521/17, EU:C:2018:639) mill-effett utli tagħha.

34 Fir-rigward, imbagħad, tal-kwistjoni dwar jekk ir-rikonoxximent tal-leġittimazzjoni ta' soċjetà għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex titlob, f'isimha stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti mid-Direttiva 2004/48 huwiex

suġġett għal rikonoxximent espliċitu ta' din il-leġittimazzjoni fil-leġiżlazzjoni applikabbli, għandu jitfakkar li l-Artikolu 4(ċ) ta' din id-direttiva jirreferi, b'mod ġenerali, għad-"dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli".

35 Issa, tali espressjoni ma tfissirx ta' bilfors li l-kwalità tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti mill-imsemmija direttiva hija irrikonoxxuta b'mod espliċitu minn dispożizzjoni speċifika, billi dan il-*locus standi* jista' jirriżulta minn regoli proċedurali ta' natura ġenerali.

36 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għan tad-Direttiva 2004/48 li, kif tiddikjara l-premessa 10 tagħha, huwa, b'mod partikolari, li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern (sentenza tas-17 ta' Ġunju 2021, M.I.C.M., C-597/19, EU:C:2021:492, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għal dan l-għan, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu sett minimu ta' miżuri, ta' proċeduri u ta' rimedji neċessarji sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

37 Issa, kif jirriżulta mill-premessa 18 tal-imsemmija direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies opportun li, kif huwa rrilevat fil-punt 28 ta' din is-sentenza, il-leġittimazzjoni sabiex tintalab l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti minnha mhux biss għandha tiġi rrikonoxxuta lill-proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, iżda wkoll lis-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva, li, bħala regola ġenerali, għandhom ir-riżorsi finanzjarji u materjali li jippermettulhom jibdew proċeduri b'mod effettiv sabiex jikkontestaw ksur ta' dawn id-drittijiet.

38 Konsegwentement, interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 tista', fl-Istati Membri li ma jkunux adottaw dispożizzjoni li tirregola b'mod speċifiku d-dritt ta' azzjoni tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva, iżżomm lil tali soċjetajiet milli jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti minn din id-direttiva, u b'hekk ikun hemm riskju li tiddgħajjef l-effikaċja tal-mezzi implimentati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

39 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li, minbarra l-kundizzjoni relatata mal-interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ikkonċernati, ir-rikonoxximent tal-kwalità tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva huwa suġġett għal-*locus standi* ta' dawn is-soċjetajiet għall-finijiet tad-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, li tista' tirriżulta minn dispożizzjoni speċifika għal dan l-għan jew minn regoli proċedurali ta' natura ġenerali.

Fuq it-tieni domanda

40 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu l-interess dirett tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali regolarment irrikonoxxuti bħala rappreżentanti tal-proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u

tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva fil-każ fejn l-eżistenza ta' interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ikkonċernati fir-rigward ta' dawn is-soċjetajiet ma tkunx tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

41 Għandu jitfakkar li l-kunċett ta' "interess dirett", li ma jidhirx fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/48, jissemma fil-premessa 18 ta' din id-direttiva, li minnha jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq li l-leġittimazzjoni sabiex tintalab l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti minn din id-direttiva tiġi rrikonoxxuta mhux biss lill-proprjetarji tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, iżda wkoll lil dawk li għandhom interess dirett li jipproteġu dawn id-drittijiet kif ukoll id-dritt ta' *locus standi in judicio*, "sa fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli tippermetti dan u konformement magħha".

42 B'hekk, filwaqt li l-Artikolu 4(a) tad-Direttiva 2004/48 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu, fi kwalunkwe każ, il-leġittimazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmija fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva, il-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 4 jippreċiżaw, it-tlieta li huma, li huwa biss sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli jippermettu dan u, konformement magħhom, li l-Istati Membri jirrikonoxxu din l-istess leġittimazzjoni fir-rigward ta' persuni oħra, kif ukoll fir-rigward ta' ċerti organi speċifiċi (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT, C-521/17, EU:C:2018:639, punt 28).

43 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li r-riferiment għal-"leġiżlazzjoni applikabbli" fl-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandu jinftiehem bħala li jirreferi kemm għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT, C-521/17, EU:C:2018:639, punt 31).

44 Għalhekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, sabiex tingħata risposta għat-tieni domanda, għandu jiġi stabbilit jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni attwalment fis-seħħ jirrikonoxxux l-eżistenza ta' interess dirett tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva fid-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

45 F'dan ir-rigward, minn naħa, kif jirriżulta mill-punti 41 u 42 ta' din is-sentenza, din id-direttiva, sa fejn hija tirreferi, għal dan il-għan, għal-leġiżlazzjoni applikabbli, ma tirregolax hija stess il-kwistjoni dwar jekk soċjetà ta' ġestjoni kollettiva għandhiex interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

46 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mit-travaux préparatoires tal-imsemmija direttiva, li minnhom jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni abbanduna l-idea li jiġi armonizzat il-*locus standi* tas-soċjetajiet imsemmija fl-Artikolu 4(ċ) tagħha. Fil-fatt, filwaqt li l-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri u proċeduri sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' drittijiet tal-proprjetà intelletwali (COM (2003) 46 final) kienet tipprevedi l-obbligu tal-Istati Membri li jirrikonoxxu l-leġittimazzjoni tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva sabiex "jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri u proċeduri u l-*locus standi in judicio* tagħhom sabiex jiddefendu d-drittijiet jew l-interessi kollettivi jew individwali li huma jkunu ġew fdati bihom", dan l-approċċ spiċċa mwarrab u ddaħħal minflok riferiment għal-leġiżlazzjoni applikabbli.

47 Min-naħa l-oħra, għalkemm l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/26, moqri fid-dawl tal-premessa 49 tagħha, jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jistabbilixxu proċeduri ta' riżoluzzjoni tat-tilwim bejn is-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva u l-utenti li jkunu indipendenti,

imparzjali u effikaċi, b'mod partikolari permezz ta' mezzi ġudizzjarji, xorta jibqa' l-fatt li, kif jirriżulta mill-premessi 8 u 9 ta' din id-direttiva, l-għan tagħha ma huwiex li tirregola l-kundizzjonijiet li fihom dawn is-soċjetajiet jistgħu jressqu azzjoni ġudizzjarja, iżda li tikkoordina r-regoli nazzjonali dwar l-aċċess tagħhom għall-attività ta' ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, l-arranġamenti għall-governanza tagħhom u l-qafas għas-superviżjoni tagħhom, kif ukoll li tiżgura livell għoli ta' governanza, ta' ġestjoni finanzjarja, ta' trasparenza u ta' għoti ta' informazzjoni mill-imsemmija soċjetajiet. Għalhekk ma jistax jitqies li din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tirregola l-kwistjoni tal-interess dirett tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva fid-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li d-dritt tal-Unjoni ma jirregolax il-kundizzjonijiet li fihom soċjetà għall-ġestjoni kollettiva għandha titqies li għandha interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li d-"dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli", li jirreferi għalihom l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48, jirreferu għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.

49 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu l-leġittimazzjoni ta' soċjetà għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex titlob l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti minn din id-direttiva, kif ukoll il-*locus standi* tagħha sabiex tiddefendi tali drittijiet fejn, b'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tqis li din is-soċjetà għandha interess dirett fid-difiża ta' dawn id-drittijiet. Konsegwentement, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw jekk tali soċjetà għandhiex, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, interess dirett fid-difiża tad-drittijiet tal-proprjetarji rrappreżentati minnha, filwaqt li jiġi ppreċiżat li, kemm-il darba din il-kundizzjoni tkun nieqsa, tali obbligu ta' rikonoxximent ma jiġix impost fuq l-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, SNB-REACT, C-521/17, EU:C:2018:639, punti 34, 36 u 38).

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri ma humiex obbligati jirrikonoxxu l-interess dirett tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali regolarment irrikonoxxuti bħala rappreżentanti tal-proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva fil-każ fejn l-eżistenza ta' interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ikkonċernati fir-rigward ta' dawn l-organi ma tkunx tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

Fuq it-tielet domanda

51 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi dwar is-sinjifikat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-*locus standi*, jekk ikun il-każ fid-dawl tal-Artikoli 17 u 47 tal-Karta, tal-fatt li s-soċjetà kkonċernata, bħala l-organu fdat bil-ħruġ ta' liċenzji kuntrattwali, tirrappreżenta wkoll awturi li ma jkunux awtorizzawha tiġġestixxi d-drittijiet tagħhom, u tal-fatt li d-dritt ta' din is-soċjetà li tressaq azzjoni sabiex tiddefendi d-drittijiet ta' dawk l-awturi ma jkunx previst mil-liġi.

52 Kif jirriżulta mill-formulazzjoni tagħha, kif ifformulata mill-qorti tar-rinviju, din id-domanda titqajjem kemm-il darba soċjetà għall-ġestjoni kollettiva kellha titqies li għandha interess dirett u *locus standi* f'isimha stess f'tilwimiet li jirrigwardaw drittijiet koperti minn liċenzji estiżi.

53 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali premessa hija nieqsa f'dan il-każ. Minn naħa, fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 48 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni attwalment fis-seħħ ma tistabbilixxix, fir-rigward ta' dawn is-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva, l-eżistenza ta' interess dirett sabiex jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmija fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2004/48. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont id-dritt Finlandiż, il-*locus standi* ta' dawn is-soċjetajiet la huwa rregolat minn dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli speċifika għal dan il-għan u lanqas minn regoli proċedurali ta' natura ġenerali.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

minbarra l-kundizzjoni relatata mal-interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ikkonċernati, ir-rikonoxximent tal-kwalità tas-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva huwa suġġett għall-*locus standi* ta' dawn is-soċjetajiet għall-finijiet tad-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, li tista' tirriżulta minn dispożizzjoni speċifika għal dan l-għan jew minn regoli proċedurali ta' natura ġenerali.

2) L-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2004/48

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri ma humiex obbligati jirrikonoxxu li s-soċjetajiet għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali regolarment irrikonoxxuti bħala rappreżentanti tal-proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandhom interess dirett li jitolbu, f'isimhom stess, l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fil-Kapitolu II ta' din id-direttiva fil-każ fejn l-eżistenza ta' interess dirett fid-difiża tad-drittijiet ikkonċernati fir-rigward ta' dawn l-organi ma tkunx tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

Firem